REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/970

tas-16 ta' Ġunju 2021

li jagħmel l-importazzjonijiet ta' ċerti molol tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina soġġett għar-reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku") u, b'mod partikolari, l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li informat lill-Istati Membri,

Billi:

(1) Fil-21 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ħabbret, permezz ta' notifika ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) ("in-notifika ta' bidu"), il-bidu ta' proċediment anti-dumping fir-rigward ta' importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti molol tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-proċediment anti-dumping"), wara lment imressaq fis-6 ta' Novembru 2020 mill-European Industrial Fasteners Institute ("EIFI" jew "l-ilmentatur") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-molol tal-ħadid jew tal-azzar.

1. PRODOTT SOĠĠETT GĦAR-REĠISTRAZZJONI

(2) Il-prodott soġġett għal reġistrazzjoni ("il-prodott ikkonċernat") huwa ċerti molol tal-ħadid jew tal-azzar, għajr tal-azzar inossidabbli, jiġifieri viti tal-injam (eskluži coach screws), viti self-tapping, viti oħrajn u boltijiet bl-irjus (bl-iskorfina jew bil-woxers tagħhom jew mingħajrhom, iżda eskluži viti u boltijiet għat-twaħħil ta' materjal għall-bini ta' binarji tal-ferrovija) u woxers, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("iċ-Ċina" jew "il-pajjiż ikkonċernat"). Il-prodott bħalissa huwa kklassifikat taħt il-kodiċijiet NM 7318 12 90, 7318 14 91, 7318 14 99, 7318 15 58, 7318 15 68, 7318 15 82, 7318 15 88, ex 7318 15 95 (kodiċijiet TARIC 7318 15 95 19 u 7318 15 95 89), ex 7318 21 00 (kodiċijiet TARIC 7318 21 00 31, 7318 21 00 39, 7318 21 00 95 u 7318 21 00 98) u ex 7318 22 00 (kodiċijiet TARIC 7318 22 00 31, 7318 22 00 39, 7318 22 00 95 u 7318 22 00 98). Il-kodiċijiet NM u TARIC huma mogħtija għall-informazzjoni biss.

2. TALBA

(3) Fit-22 ta' Jannar 2021, l-ilmentatur ippreżenta talba għar-reġistrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku. L-ilmentatur talab li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat isiru soġġetti għar-reġistrazzjoni sabiex ikunu jistgħu jiġu applikati miżuri b'mod retroattiv kontra dawk l-importazzjonijiet mid-data ta' tali reġistrazzjoni, dment li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fir-Regolament bażiku.

(4) Fil-11 ta' Marzu 2021, l-ilmentatur ipprovda statistika aġġornata dwar l-importazzjoni insostenn tat-talba tiegħu għar-reġistrazzjoni.

(5) Żewġ importaturi/distributuri tal-molol (Roth Blaas Srl u Eurotec GmbH) u assoċjazzjoni li tirrappreżenta d-distributuri tal-molol (European Fasteners Distributor Association jew "l-EFDA"), ippreżentaw kummenti b'reazzjoni għat-talba. L-EFDA talbet seduta ta' smigħ li saret fid-9 ta' Marzu 2021. Roth Blaas Srl u Eurotec GmbH ukoll talbu seduta ta' smigħ, li saret fil-11 ta' Mejju 2021.

3. RAĠUNIJIET GĦAR-REĠISTRAZZJONI

(6) F'konformità mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni tista' tagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet doganali biex jieħdu l-passi xierqa għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet, sabiex sussegwentement ikunu jistgħu jiġu applikati miżuri fuq dawk l-importazzjonijiet mid-data ta' din ir-reġistrazzjoni, dment li l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fir-Regolament bażiku jkunu ssodisfati. L-importazzjonijiet jistgħu jsiru soġġetti għar-reġistrazzjoni wara talba mill-industrija tal-Unjoni li jkun fiha biżżejjed evidenza biex tiġġustifika din l-azzjoni.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) ĠU C 442, 21.12.2020, p. 6.

(7) Abbażi tal-istatistika disponibbli, l-ilmentatur allega li kien hemm żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet fil-perjodu ta' wara l-perjodu ta' investigazzjoni (minn Lulju 2019 sa Ġunju 2020) (il-"PI") tal-investigazzjoni attwali, u dik iż-żieda x'aktarx kienet se timmina serjament l-effett rimedjali tad-dazji definittivi potenzjali. Barra minn hekk, l-ilmentatur argumenta li anki fid-dawl tal-istorja tad-dumping fuq il-prodott ikkonċernat ([3]), l-importaturi kienu, jew kellhom ikunu, konxji tal-prattiki tad-dumping mill-pajjiżi kkonċernati.

(8) Il-Kummissjoni eżaminat it-talba fid-dawl tal-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni vverifikat jekk l-importaturi kinux konxji, jew jekk kellhomx ikunu konxji, tad-dumping fir-rigward tal-livell tad-dumping u d-dannu allegat jew misjub. Analizzat ukoll jekk kienx hemm żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet li, fid-dawl ta' meta seħħet u l-volum u ċirkostanzi oħra, x'aktarx imminat serjament l-effett ta' rimedju tad-dazju anti-dumping definittiv li għandu jiġi applikat.

3.1. **Għarfien tal-importaturi dwar id-dumping, il-livell tiegħu u d-dannu allegat jew storja tad-dumping**

(9) F'dan l-istadju l-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha biżżejjed evidenza li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat miċ-Ċina huma l-oġġett ta' dumping. L-ilment ipprovda provi biżżejjed ta' dumping, abbażi ta' tqabbil tal-valur normali mal-prezz tal-esportazzjoni (fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika) tal-prodott ikkonċernat meta jinbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Kumplessivament, u meta titqies il-portata tal-marġnijiet ta' dumping allegat li jvarjaw minn 126 % sa 270 %, din l-evidenza pprovdiet biżżejjed indikazzjoni li l-produtturi esportaturi qed iwettqu dumping.

(10) L-ilment ipprovda wkoll biżżejjed evidenza ta' dannu allegat lill-industrija tal-Unjoni, inkluż l-iżvilupp negattiv ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(11) Din l-informazzjoni kienet tinsab kemm fil-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment kif ukoll fin-Notifika ta' bidu għal dan il-proċediment ippubblikata fil-21 ta' Diċembru 2020 ([4]). Permezz tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, in-Notifika ta' bidu hija dokument pubbliku aċċessibbli għall-importaturi kollha. Barra minn hekk, bħala partijiet interessati fl-investigazzjoni, l-importaturi għandhom aċċess għall-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment u għall-fajl mhux kunfidenzjali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni qieset li, fuq din il-bażi, l-importaturi kienu konxji, jew kellhom ikunu konxji, tad-dumping u tal-portata tiegħu kif ukoll tad-dannu allegat.

(12) Iż-żewġ importaturi msemmija fil-premessa (5) stqarrew li ma kienx hemm evidenza li l-importaturi kienu konxji, jew kellhom ikunu konxji mill-portata tal-allegat dumping u dannu. Iż-żewġ importaturi sostnew b'mod partikolari li l-evidenza pprovduta mill-ilmentatur dwar id-dumping u d-dannu li rriżulta kienet limitata biss għal dik ipprovduta fl-ilment u li l-"għarfien" ikun jeħtieġ "għarfien pożittiv" tal-fatt li l-importazzjonijiet kienu l-oġġett ta' dumping, tal-portata tad-dumping u tal-firxa tad-dannu kkawżat minn tali dumping. L-EFDA u l-Kamra tal-Kummerċ taċ-Ċina għall-Importazzjoni u l-Esportazzjoni ta' Makkinarju u Prodotti Elettroniċi (China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products, CCCME) iddikjaraw ukoll li m'hemmx prova li l-importaturi kienu konxji li kien qed jitħejja lment mill-EIFI, jew li kienet qed tinbeda investigazzjoni, u għalhekk ma kien hemm l-ebda prova li l-importaturi kienu jafu bid-dumping dannuż li kien qed iseħħ.

(13) L-istess partijiet iddikjaraw li ma nstab l-ebda dumping, u indikaw li d-dumping dannuż stabbilit fl-2009 ([5]) nstab li ma kienx konformi mal-Ftehim dwar l-Anti-Dumping tad-WTO mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO ([6]).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 91/2009 tas-26 ta' Jannar 2009 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 29, 31.1.2009, p. 1) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/519 tas-26 ta' Marzu 2015 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, kif estiż għal importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-ħadid u tal-azzar ikkunsinnati mill-Malasja, kemm jekk iddikjarat li joriġinaw mill-Malasja u sew jekk le, wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 82, 27.3.2015, p. 78).

([4]) Notifika ta' bidu ta' proċediment anti-dumping jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ċerti molol tal-ħadid jew tal-azzar mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C 442, 21.12.2020, p. 6).

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 91/2009 tas-26 ta' Jannar 2009 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 29, 31.1.2009, p. 1).

([6]) Il-korp għas-soluzzjoni tat-tilwim tad-WTO: Report of the Panel, WT/DS397/RW, is-7 ta' Awwissu 2015 u Report of the Appellate Body, AB-2015-7, WT/DS397/AB/RW, it-18 ta' Jannar 2016.

(14) Kif stabbilit fil-premessa (11), permezz tal-pubblikazzjoni tan-notifika ta' bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, l-importaturi ġew konxji, jew tal-anqas kellhom ikunu konxji tad-dumping. In-Notifika ta' Bidu hija dokument pubbliku aċċessibbli għall-partijiet interessati kollha, inklużi l-importaturi. Barra minn hekk, bħala partijiet interessati, l-importaturi għandhom aċċess għall-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment. Kuntrarjament għad-dikjarazzjoni ta' dawn il-partijiet, fir-Regolament bażiku ma jeżistix ir-rekwiżit li jkun hemm "għarfien pożittiv" tad-dumping, u lanqas li jkun hemm prova li huma kienu jafu effettivament dwar is-sottomissjoni tal-ilment u/jew bil-bidu tal-investigazzjoni, għax l-Artikolu 10(4)(c) jgħid "jew kellhom ikunu konxji" biex ikunu koperti b'mod ċar is-sitwazzjonijiet fejn l-importaturi ma jkunux attwalment konxji imma kellhom ikunu konxji dwar id-dumping. Wara l-pubblikazzjoni tan-Notifika ta' bidu, il-Kummissjoni tqis li l-importaturi kienu tabilħaqq fil-pożizzjoni li jkollhom għarfien pożittiv dwar l-evidenza disponibbli b'rabta mad-dumping dannuż, jew tal-inqas kellhom ikunu konxji dwar tali evidenza. Għalhekk, dawn l-affermazzjonijiet ġew irrifjutati.

(15) Barra minn hekk, b'kuntrarju għal dak li ġie ssuġġerit mill-partijiet interessati kkonċernati, l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku ma jeħtieġx li fil-passat il-Kummissjoni tkun ikkonstatat b'mod pożittiv li jeżisti dumping dannuż. Huwa suffiċjenti li l-importaturi kienu konxji, jew kellhom ikunu konxji, tad-dumping, il-portata tiegħu u d-dannu allegat. Dan kien tabilħaqq il-każ fl-investigazzjoni preżenti kif deskritt fil-premessa (14). Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(16) Fir-rigward tal-istorja tad-dumping, peress li l-Kummissjoni tqis li r-rekwiżit ta' għarfien tad-dumping mill-importaturi huwa ssodisfat, mhuwiex meħtieġ li jiġi analizzat jekk dan ir-rekwiżit li hemm storja ta' dumping intlaħaqx, għax dan huwa rekwiżit alternattiv għal dak tal-għarfien skont l-Artikolu 10(4)(c) tar-Regolament bażiku. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni hija bla bażi.

(17) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-kriterju għar-reġistrazzjoni huwa ssodisfat skont l-Artikolu 10(4)(c) tar-Regolament bażiku.

3.2. **Żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet**

(18) Il-Kummissjoni analizzat dan il-kriterju fl-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku fuq il-bażi tad-*data* statistika li tikkonċerna l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat miċ-Ċina, disponibbli fil-bażi tad-*data* Surveillance 2. Biex tivvaluta jekk kienx hemm żieda oħra sostanzjali minn meta nbdiet l-investigazzjoni, il-Kummissjoni l-ewwel iddefiniet il-perjodi li kellhom jitqabblu. Minn naħa, hija vvalutat id-*data* tal-importazzjonijiet miċ-Ċina wara l-bidu tal-investigazzjoni anti-dumping (jiġifieri l-punt fiż-żmien minn meta l-importaturi kienu konxji, jew kellhom ikunu konxji, dwar il-prattiki tad-dumping) sal-perjodu l-aktar reċenti disponibbli, jiġifieri l-perjodu bejn Jannar 2021 u April 2021. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni qieset l-importazzjonijiet Ċiniżi għall-istess perjodu matul il-PI kif ukoll il-volumi medji tal-importazzjonijiet fix-xahar fil-perjodu sħiħ tal-PI.

(19) It-tqabbil juri li l-volum medju tal-importazzjonijiet fix-xahar miċ-Ċina żviluppa kif ġej:

Tabella 1

Volumi ta' importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati (f'tunnellati)

Volumi ta' importazzjoni (medja fix-xahar)	Perjodu ta' investigazzjoni (Lulju 2019 – Ġunju 2020)	Jannar–April 2020	Jannar–April 2021	Delta	
				Jannar–April 2021 vs Perjodu ta' investigazzjoni	Jannar–April 2021 vs Jannar–April 2020
Iċ-Ċina	20 040	18 583	26 528	+ 32 %	+ 43 %

Sors: bażi tad-data Surveillance 2.

(20) Abbażi ta' din id-*data* statistika, il-Kummissjoni sabet li l-volum medju ta' importazzjonijiet fix-xahar tal-prodott ikkonċernat miċ-Ċina fil-perjodu minn Jannar 2021 sa Marzu 2021, jiġifieri wara l-bidu tal-investigazzjoni ta' anti-dumping, kien 32 % ogħla mill-volum medju ta' importazzjonijiet fix-xahar matul il-PI u 43 % ogħla milli matul l-istess perjodu tas-sena preċedenti.

(21) L-EFDA qalet li ma kienx hemm żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet, waqt li ġibdet l-attenzjoni għall-ilment li wera tnaqqis fl-importazzjonijiet miċ-Ċina bejn l-2019 u l-PI u b'dikjarazzjoni li kwalunkwe żieda wara l-PI hija biss rifless tal-flussi kummerċjali storiċi u kwalunkwe żieda fl-2020 tirrifletti biss l-irkupru tas-suq wara l-istaġnar minħabba l-pandemija tal-COVID-19. L-EFDA qalet ukoll li minħabba n-nuqqas ta' provvista ta' molol standard fl-Unjoni, l-importaturi kienu mġiegħla jimportaw dawn il-prodotti miċ-Ċina bħala l-uniku sors vijabbli ta' provvista. Huma żiedu li peress li l-industrija tal-Unjoni stess importat molol standard, din ikkawżaw iż-żieda fl-importazzjonijiet tal-inqas parzjalment hija stess. Fl-aħħar nett, l-EFDA argumentat li l-importazzjonijiet Ċiniżi ħadu sempliċiment post l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra.

(22) B'mod simili, is-CCCME argumentat li ma kien hemm l-ebda żieda fl-importazzjonijiet bejn l-2019 u l-PI u ddikjarat li għalkemm kien hemm żieda fl-importazzjonijiet bejn l-2019 u l-2020, din iż-żieda ma tistax titqies bħala sostanzjali, b'mod partikolari meta wieħed iqis li l-importazzjonijiet globali (miċ-Ċina u minn pajjiżi terzi oħra) naqsu matul dan il-perjodu. Is-CCCME ddikjarat ukoll li d-*data* pprovduta mill-ilmentatur fit-talba tiegħu għar-reġistrazzjoni ma kinitx rappreżentattiva, billi kienet tikkonċerna kunsinni li kienu diġà ordnati u mibgħuta qabel tmiem il-PI u qabel il-bidu tal-investigazzjoni. Is-CCCME allegat ukoll li l-industrija tal-Unjoni kienet mill-inqas ikkawżat parzjalment iż-żieda fl-importazzjonijiet hija stess.

(23) Iż-żewġ importaturi msemmija hawn fuq iddikjaraw li ż-żieda fl-importazzjonijiet ma kinitx sinifikanti u fi kwalunkwe każ kienet ġustifikata b'żieda fid-domanda għall-molol wara staġnar fis-suq tal-Unjoni fl-ewwel nofs tal-2020 minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Huma sostnew ukoll li minħabba l-pandemija tal-COVID-19 kien hemm tnaqqis fl-offerti tal-merkanzija u l-ispazju disponibbli ta' kontenituri, li wassal għal żieda sinifikanti fil-kostijiet tal-merkanzija. Dan wassal biex il-konsenji miċ-Ċina saru aktar diffiċli u l-kumulazzjoni ta' riżerva ma kinitx għażla vijabbli.

(24) L-EFDA affermat li ma kienx hemm kumulazzjoni ta' riżerva fl-Unjoni; għall-kuntrarju, il-membri tal-EFDA fil-fatt kien qed ikollhom diffikultà biex jissodisfaw id-domanda tal-klijenti tagħhom fl-Unjoni minħabba s-sitwazzjoni diffiċli tal-provvista deskritta aktar fil-premessa (44).

(25) Kif stabbilit fil-premessa (18), il-Kummissjoni qieset li sabiex tiġi vvalutata żieda fl-importazzjonijiet, il-perjodu wara l-bidu tal-investigazzjoni attwali (Jannar 2021 sa Marzu 2021) jenħtieġ li jittieħed bħala referenza biss mill-perjodu minn meta l-importaturi kienu konxji, jew kellhom ikunu konxji, dwar id-dumping. Kif muri fit-Tabella 1 ta' hawn fuq, it-tqabbil tax-xejra tal-importazzjoni fit-tliet xhur wara l-bidu mal-istess perjodu fil-PI minn naħa waħda u mal-medja ta' kull xahar matul il-PI min-naħa l-oħra, juri biċ-ċar żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet ta' aktar minn 30 % f'kull każ.

(26) L-argument li jikkonċerna d-domanda tal-Unjoni għall-prodott ikkonċernat bħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19 mhuwiex direttament rilevanti biex jiġi vvalutat jekk seħħitx żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku, li huwa kriterju oġġettiv u ma jeħtieġx valutazzjoni tar-raġunijiet għal din iż-żieda. Fi kwalunkwe każ, anki li kieku dan l-argument kien rilevanti, il-Kummissjoni tinnota li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat miċ-Ċina wkoll żdiedu b'35 % wara l-bidu (Jannar sa Marzu 2021) meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2019 (qabel il-pandemija). Għaldaqstant, fi kwalunkwe każ l-istatistika disponibbli ma tikkonfermax l-allegazzjonijiet li saru li ż-żieda fl-importazzjonijiet tirrappreżenta biss l-irkupru tal-istaġnar preċedenti fis-suq tal-Unjoni. Iż-żieda fl-importazzjonijiet tidher bl-istess mod meta jsir tqabbil mal-volum tal-importazzjonijiet matul l-ewwel tliet xhur tal-2019, jiġifieri meta s-suq ma kienx affettwat mill-pandemija.

(27) F'dak li għandu x'jaqsam mal-argument rigward is-sitwazzjoni tal-provvista fl-Unjoni, dan ukoll huwa kunsiderazzjoni mhux direttament rilevanti fil-kuntest tal-kriterju oġġettiv li jikkonċerna ż-żieda fl-importazzjonijiet fil-qafas tal-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet. Dawn it-tipi ta' kunsiderazzjonijiet jistgħu jkunu rilevanti u jiġu vvalutati fil-kuntest tal-interess tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku. Għaldaqstant, dan l-argument kien irrelevanti u ma kellux għalfejn jiġi indirizzat f'dan il-kuntest.

(28) Fir-rigward tal-argument li l-kumulazzjoni ta' riżerva ma tkunx għażla vijabbli minħabba ż-żieda fil-kost tat-trasport, din id-dikjarazzjoni mhijiex appoġġata mill-istatistika tal-importazzjoni, li turi b'mod ċar żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet fl-ewwel tliet xhur wara l-bidu tal-investigazzjoni, kif muri hawn fuq fit-Tabella 1. Fi kwalunkwe każ, dan l-argument ma jkollu l-ebda effett fuq ir-rekwiżit ta' żieda ulterjuri fl-importazzjonijiet, li hija kriterju oġġettiv. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ma ntlaqgħetx.

(29) Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tieni kriterju għar-reġistrazzjoni kien issodisfat ukoll.

3.3. **Imminar tal-effett rimedjali tad-dazju**

(30) Il-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha biżżejjed evidenza li żieda kontinwa fl-importazzjonijiet miċ-Ċina, anki fid-dawl taż-żmien u tal-volum tagħhom kif ukoll minħabba ċirkostanzi oħra, tikkawża dannu addizzjonali u b'hekk dan aktarx li jimmina b'mod serju l-effetti rimedjali ta' dazji anti-dumping definittivi possibbli.

(31) Kif stabbilit fil-premessi (18) sa (29), hemm biżżejjed evidenza ta' żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet globali tal-prodott ikkonċernat fil-perjodu wara l-bidu tal-investigazzjoni. Id-dimensjoni sostanzjali ta' din iż-żieda diġà tindika lejn il-probabbiltà li jkun imminat l-effett rimedjali ta' dazju definittiv jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet legali.

(32) Skont il-bażi tad-*data* Surveillance 2, il-prezz medju tal-importazzjoni mill-pajjiż ikkonċernat żdied b'6,0 % meta jsir tqabbil tal-perjodu minn Jannar 2021 sa April 2021 għall-istess perjodu fis-sena preċedenti u żdied b'7,3 % meta mqabbel mal-medja fix-xahar fil-perjodu ta' investigazzjoni, kif ġie rifless fit-Tabella 2 hawn taħt.

Tabella 2

Prezzijiet tal-importazzjoni mill-pajjiż ikkonċernat (EUR/tunnellata)

Prezz medju tal-importazzjonijiet	Perjodu ta' investigazzjoni (Lulju 2019 – Ġunju 2020)	Jannar–April 2020	Jannar–April 2021	Żieda fil-prezz (%) Jannar–April 2021 vs Perjodu ta' investigazzjoni	Żieda fil-prezz (%) Jannar–April 2021 vs Jannar 2020–April 2020
Iċ-Ċina	1 484	1 465	1 573	6,0 %	7,3 %

(33) Madankollu, din iż-żieda fil-prezz trid titqies fil-kuntest ta' żieda ta' kemm il-materja prima ewlenija tal-prodott ikkonċernat kif ukoll tal-kostijiet internazzjonali tat-trasport, li t-tnejn jibdew mit-tieni nofs tal-2020 kif spjegat hawn taħt.

(34) F'dak li jirrigwarda l-materja prima, il-prodott ikkonċernat huwa magħmul l-aktar mill-azzar, speċifikament il-kojls illaminati bis-sħana. Skont l-informazzjoni disponibbli f'dan l-istadju, l-azzar jirrappreżenta madwar 70 % tal-kost totali għall-manifattura tal-molol. Bejn April 2020 u April 2021 il-prezz tal-azzar żdied globalment b'aktar minn 50 % fis-swieq ewlenin kollha ([7]). Iċ-Ċina mhijiex eċċezzjoni u ż-żieda fil-prezzijiet tal-kojls illaminati bis-sħana bejn April 2021 u April 2020 hija 74 % ([8]). Fl-ewwel tliet xhur tal-2021, iż-żieda fil-prezz tal-prodott ikkonċernat importat miċ-Ċina (jiġifieri 6,1 % meta mqabbel mal-istess perjodu ta' 2020 jew 4,9 % meta mqabbel mal-valur medju ta' kull xahar fil-PI) hija ferm aktar baxxa miż-żieda globali fil-kost tal-materja prima ewlenija, jiġifieri l-kojls illaminati bis-sħana (74 %). Għaldaqstant, meta meqjusa f'dan il-kuntest, iż-żieda fil-prezz hija fil-biċċa l-kbira insuffiċjenti biex tirkupra ż-żieda enormi fil-prezz tal-materja prima, li jindika tnaqqis sinifikanti fil-prezz u għalhekk x'aktarx li jimmina sostanzjalment l-effett rimedjali tad-dazju anti-dumping definittiv possibbli.

([7]) https://www.fitchratings.com/research/corporate-finance/global-steel-price-rally-will-be-short-lived-02-02-2021; https://tradingeconomics.com/commodity/steel; https://ihsmarkit.com/solutions/steel-forecast.html

([8]) https://www.investing.com/commodities/shfe-hot-rolled-coil-futures-historical-data

(35) B'rabta mal-merkanzija, il-partijiet interessati ddikjaraw li fit-tieni nofs tal-2020 il-kostijiet globali tat-tbaħħir, u b'mod partikolari dawk bejn l-Asja u l-Ewropa, saru għaljin b'mod eċċezzjonali. L-evidenza ta' din iż-żieda, li spiss laħqet il-150 %, hija disponibbli pubblikament ([9]). Il-kostijiet tal-ġarr tal-merkanzija jammontaw għal madwar 3 % tal-prezz tal-fattura lejn l-Ewropa, skont tweġibiet mhux verifikati tal-produtturi esportaturi fil-kampjun. Dan jissuġġerixxi li aktar minn nofs iż-żieda fil-prezz osservata fil-prezz tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat tkun diġà spjegata mill-evoluzzjoni tal-kostijiet tat-trasport tal-merkanzija. Dan il-fattur l-ieħor jissuġġerixxi li l-prezz tal-prodott ikkonċernat effettivament naqas, billi l-impatt tal-ġarr huwa għall-benefiċċju tal-fornitur tas-servizzi tat-trasport marittimu u huwa wkoll lil hinn mis-setgħa tal-ipprezzar tal-produtturi esportaturi.

(36) Barra minn hekk, iż-żieda fil-prezz seħħet f'kuntest fejn l-evidenza *prima facie* wriet marġni ta' twaqqigħ tal-prezz li jvarja bejn 27 % u 72 % u marġni tal-bejgħ bil-prezz imwaqqa' li jvarja bejn 41 % u 251 %. Għaldaqstant, il-livell tal-prezz tal-importazzjoni baqa' f'livell dannuż b'mod sinifikanti u saħansitra naqas f'termini relattivi, fid-dawl taż-żieda fil-kost globali tal-azzar u tat-trasport.

(37) Il-volumi ta' importazzjoni addizzjonali sinifikanti rreġistrati wara l-bidu tal-investigazzjoni wisq probabbli jwasslu għal żieda fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi.

(38) Iż-żewġ importaturi msemmija hawn fuq, l-EFDA u s-CCCME ddikjaraw li huwa dubjuż li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali u li dan id-dannu hu kkawżat mill-importazzjonijiet Ċiniżi. Iż-żewġ importaturi affermaw li ma kienx hemm evidenza ta' dannu materjali fl-ilment. L-EFDA u s-CCCME rreferew għall-Qorti Ġenerali ([10]) u qalu li meta jiġi vvalutat jekk l-importazzjonijiet jimminawx serjament l-effett rimedjali tad-dazji, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta jekk l-industrija tal-Unjoni sofrietx dannu materjali, filwaqt li ma hemm l-ebda evidenza bħal din fl-ilment.

(39) Is-CCCME argumentat ukoll li kwalunkwe żieda fl-importazzjonijiet ma setgħetx "timmina serjament l-effett rimedjali tad-dazji", billi l-industrija tal-Unjoni qed tipproduċi predominantement molol speċjali li ma kinux f'kompetizzjoni mal-importazzjonijiet miċ-Ċina u li huma predominantement molol standard.

(40) Kif stabbilit fin-notifika ta' bidu, fir-rigward ta' dawn id-dikjarazzjonijiet, il-Kummissjoni qieset li hemm biżżejjed evidenza *prima facie* fl-ilment li turi li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali mill-importazzjonijiet Ċiniżi tal-prodott ikkonċernat u għalhekk dawn l-argumenti ġew miċħuda.

(41) Fir-rigward tal-affermazzjoni tas-CCCME li l-importazzjonijiet Ċiniżi ma kinux f'kompetizzjoni mal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, din ma kienet sostnuta minn ebda evidenza u tikkontradixxi l-evidenza *prima facie* mogħtija fl-ilment, li wriet żieda fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina li ħabtet mad-deterjorament tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, kif stabbilit fin-notifika ta' bidu. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ġiet irrifjutata.

(42) Fuq il-bażi tal-punti ta' hawn fuq il-Kummissjoni kkonkludiet li l-elementi kollha ta' hawn fuq jindikaw il-fatt li ż-żieda ulterjuri fl-importazzjonijiet miċ-Ċina wara l-bidu tal-investigazzjoni, anki fid-dawl taż-żmien, tal-volum kif ukoll ta' ċirkostanzi oħra, x'aktarx li timmina b'mod serju l-effetti rimedjali tad-dazji anti-dumping definittivi possibbli. Għaldaqstant, dan il-kriterju fl-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku ġie ssodisfat ukoll.

3.4. **Argumenti oħrajn imressqin mill-partijiet interessati**

(43) Iż-żewġ importaturi msemmija hawn fuq iddikjaraw li jenħtieġ li l-evidenza meħtieġa għar-reġistrazzjoni tkun ta' standard ogħla mill-evidenza meħtieġa għall-bidu, partikolarment minħabba applikazzjoni retroattiva potenzjali tad-dazji.

(44) L-EFDA qalet li l-ġbir retroattiv tad-dazji definittivi jkun kuntrarju għall-interess tal-Unjoni. Huma argumentaw li l-ewwel nett l-industrija tal-Unjoni ma tkunx kapaċi tforni molol standard u b'hekk dawn il-molol standard ikollhom jinġiebu miċ-Ċina. F'dan il-kuntest, l-EFDA ddikjarat li l-ksib ta' molol miċ-Ċina sar aktar diffiċli minħabba ż-żmien twil tal-kunsinna, ir-rifjut tal-esportaturi Ċiniżi li jfornu molol qabel l-eżitu tal-investigazzjoni attwali, in-nuqqas ta' kapaċità ta' riżerva fiċ-Ċina, u n-nuqqas ta' kontejners mill-Asja li ġie aggravat bl-imblukkar tal-Kanal ta' Suez. L-EFDA ġibdet ukoll l-attenzjoni għal nuqqas ġenerali ta' materja prima għall-produtturi tal-molol

([9]) https://www.ft.com/content/ad5e1a80-cecf-4b18-9035-ee50be9adfc6

([10]) Is-sentenza fil-Kawża Stemcor London u Samac Steel Supplies vs Il-Kummissjoni, T-749/16, ECLI:EU:T:2019:310, il-punt 83.

fl-Unjoni u għall-fatt li m'hemm l-ebda sors vijabbli ieħor ta' provvista għajr iċ-Ċina. It-tieni, l-EFDA affermat li minħabba din is-sitwazzjoni ħażina ta' provvista, ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet u l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji jkollhom effett detrimentali fuq l-industrija downstream u m'hemmx bżonn li d-dazji definittivi jinġabru b'mod retroattiv mid-data tar-reġistrazzjoni.

(45) B'mod simili, is-CCCME ddikjarat li l-molol standard bilkemm huma disponibbli fl-Unjoni u li ma kien l-ebda sors vijabbli ieħor ta' provvista għajr iċ-Ċina.

(46) Fir-rigward tal-istandard tal-evidenza għar-reġistrazzjoni, il-Kummissjoni analizzat id-*data* statistika mill-bażi tad-*data* Surveillance 2 kif ukoll informazzjoni oħra għad-dispożizzjoni tagħha li wriet żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet bi prezzijiet li bi probabbiltà kbira huma dannużi. Din l-evidenza hija kompletament affidabbli u dawn il-partijiet ma ssostanzjawx kif din l-evidenza hija inaffidabbli jew liema evidenza aħjar hija disponibbli u ma ntużatx. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ġiet irrifjutata.

(47) Rigward l-istandard tal-evidenza meħtieġ fil-kuntest tal-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni bbażat il-konklużjonijiet tagħha fuq l-aħjar informazzjoni disponibbli f'dan l-istadju, inkluż l-ilment li wassal għall-bidu tal-investigazzjoni. Mhuwiex meħtieġ li jkun hemm sejbiet pożittivi f'dan ir-rigward, billi skont id-definizzjoni tagħhom dawn is-sejbiet qatt ma jistgħu jsiru qabel l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji. Kull approċċ ieħor ineħħi kompletament l-*effet utile* tal-għodda ta' reġistrazzjoni. Fir-rigward tal-argumenti l-oħra mressqa mill-EFDA, dawn jikkonċernaw jew il-ġbir retroattiv tad-dazji definittivi u/jew l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji. Il-Kummissjoni tinnota li d-deċiżjoni li jiġu imposti miżuri proviżorji u sussegwentement id-deċiżjoni li possibbilment jinġabru d-dazji b'mod retroattiv fuq il-bażi ta' dan ir-regolament ta' reġistrazzjoni se tittieħed biss fi stadju aktar tard fil-proċediment. Għalhekk, dawn l-argumenti huma meqjusa irrelevanti fil-kuntest ta' dan ir-regolament ta' reġistrazzjoni. L-istess jgħodd għall-argumenti rigward l-interess tal-Unjoni, li l-Kummissjoni tinnota li huwa wieħed mill-kundizzjonijiet għall-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping proviżorji jew definittivi f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, imma ma għandux għalfejn jiġi analizzat meta tiġi vvalutata l-ħtieġa għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet jew l-applikazzjoni retroattiva ta' tali dazji definittivi. Għaldaqstant, dan l-argument kien irrelevanti u ma kellux għalfejn jiġi indirizzat f'dan il-kuntest.

(48) L-EFDA indikat li l-Artikolu 14(5a) tar-Regolament bażiku speċifikament jirrikjedi li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 10(4)(c) u (d) tar-Regolament bażiku jiġu ssodisfati. Fi kliem ieħor, hija argumentat li deċiżjoni tal-Kummissjoni għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet jenħtieġ li tqis dawn il-kriterji anki meta l-importazzjonijiet jiġu rreġistrati skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, jiġifieri meta din tkun ibbażata fuq talba mill-industrija tal-Unjoni.

(49) Huwa nnotat li, kif stabbilit fil-premessa (8), b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni u mal-prattika kostanti tagħha fl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(5), il-Kummissjoni eżaminat it-talba għar-reġistrazzjoni fid-dawl tal-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku, li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet sostantivi biex wieħed jipproċedi bir-reġistrazzjoni. Kif deskritt fid-dettall fil-premessi (9) sa (42), l-Artikolu 10(4)(c) u (d) tar-Regolament bażiku tassew tqiesu li ġew issodisfati u b'ħekk l-argumenti tal-EFDA f'dan ir-rigward ġew miċħuda.

3.5. **Drittijiet tad-difiża u żvelar**

(50) L-EFDA u s-CCCME ddikjaraw li ċerta informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-EIFI dwar it-talba tiegħu għar-reġistrazzjoni kienet magħmula disponibbli għall-partijiet interessati diversi ġimgħat wara, li ċaħħadhom milli jeżerċitaw id-drittijiet leġittimi tad-difiża.

(51) Is-CCCME ddikjarat ukoll li l-Kummissjoni jenħtieġ li tiżvela kwalunkwe deċiżjoni biex l-importazzjonijiet jiġu rreġistrati biżżejjed minn qabel u b'ħekk tippermetti lill-partijiet interessati jikkummentaw dwar tali deċiżjoni.

(52) Il-Kummissjoni tinnota li l-informazzjoni mhux kunfidenzjali pprovduta mill-ilmentatur kienet tabilħaqq disponibbli għall-partijiet interessati li pprovdew kummenti addizzjonali. Il-Kummissjoni aċċettat u vvalutat dawn il-kummenti kollha qabel ma ħadet deċiżjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet ingħataw b'mod sħiħ f'dan ir-rigward.

(53) Fir-rigward tat-talba għal żvelar minn qabel, huwa nnotat li dan il-pass mhuwiex previst fir-Regolament bażiku u lanqas ma huwa meħtieġ minnu. F'konformità mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni tista' tagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet doganali biex jieħdu l-passi xierqa għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet wara talba li jkun fiha biżżejjed evidenza biex tiġġustifika din l-azzjoni. Huwa nnotat ukoll li skont l-Artikolu 1(3) ta' dan

ir-Regolament, il-partijiet interessati tabilħaqq jingħataw l-opportunità li jipprovdu kummenti u li jinstemgħu fi żmien 21 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu. Finalment, il-Kummissjoni tirrimarka wkoll li kwalunkwe deċiżjoni biex jiġu applikati miżura anti-dumping definittivi b'mod retroattiv se tiġi żvelata lill-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 10(5) tar-Regolament bażiku. Għaldaqstant, din it-talba ġiet miċħuda.

4. **PROĊEDURA**

(54) Il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm biżżejjed evidenza biex tiġġustifika li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat ikunu soġġetti għal reġistrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

(55) Il-partijiet interessati kollha huma mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, bil-kundizzjoni li dawn jagħmlu talba bil-miktub u juru li hemm raġunijiet partikolari għalfejn dawn jenħtieġ li jinstemgħu.

5. **REĠISTRAZZJONI**

(56) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, jenħtieġ li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat ikunu soġġetti għar-reġistrazzjoni bl-iskop li jiġi żgurat li, f'każ li l-investigazzjonijiet jirriżultaw f'konklużjonijiet li jwasslu għall-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping, dawk id-dazji jkunu jistgħu, jekk il-kundizzjonijiet neċessarji jkunu ssodisfati, jiġu imposti b'mod retroattiv fuq l-importazzjonijiet irreġistrati f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali applikabbli.

(57) Kull obbligazzjoni fil-futur tiġi mill-konklużjonijiet tal-investigazzjoni anti-dumping.

(58) L-allegazzjonijiet fl-ilment li jitlob li jingħata bidu għal investigazzjoni anti-dumping jistmaw marġnijiet ta' dumping ta' bejn 126 % u 270 % u livell ta' eliminazzjoni tad-dannu li jvarja minn 41 % sa 251 % għall-prodott ikkonċernat. L-ammont ta' obbligazzjoni possibbli fil-futur normalment jiġi stabbilit fl-aktar livell baxx skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku.

6. **IPPROĊESSAR TA' *DATA* PERSONALI**

(59) Kwalunkwe *data* personali miġbura fil-kuntest ta' din ir-reġistrazzjoni se tiġi ttrattata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* ([11]).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036, biex jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet ta' ċerti molol tal-ħadid jew tal-azzar, għajr tal-azzar inossidabbli, jiġifieri viti tal-injam (eskluži coach screws), viti self-tapping, viti oħrajn u boltijiet bl-irjus (bl-iskorfina jew bil-woxers tagħhom jew mingħajrhom, iżda eskluži viti u boltijiet għat-twaħħil ta' materjal għall-bini ta' binarji tal-ferrovija) u woxers. Dawn il-prodotti bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7318 12 90, 7318 14 91, 7318 14 99, 7318 15 58, 7318 15 68, 7318 15 82, 7318 15 88, ex 7318 15 95 (kodiċijiet TARIC 7318 15 95 19 u 7318 15 95 89), ex 7318 21 00 (kodiċijiet TARIC 7318 21 00 31, 7318 21 00 39, 7318 21 00 95 u 7318 21 00 98) u ex 7318 22 00 (kodiċijiet TARIC 7318 22 00 31, 7318 22 00 39, 7318 22 00 95 u 7318 22 00 98) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Il-partijiet interessati kollha huma mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub, jipprovdu evidenza ta' sostenn jew jitolbu li jinstemgħu fi żmien 21 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

([11]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN